# FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D

**L-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni**
**(Spettur Karl Roberts)**

**vs**

**Yousef Hammat**
**u**
**Mohamed Lassad Briki**

**Illum, 28 ta' Lulju, 2021**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Yousef Hammat**, iben Ahsan u Salha, imwieled ġewwa Tizi Ouzou, nhar is-27 ta' Marzu, 1992, ta' nazzjonalita' Alġerina, residenti ġewwa Omonoia, Ateni, il-Greċja, u tal-imputat **Mohamed Lassad Briki**, iben Salem u Rafika, imwieled nhar is-7 ta' Awwissu, 1985, ta' nazzjonalita' Libjana, residenti ġewwa Ateni, il-Greċja;

Akkużati talli fis-26 ta' Lulju, 2021, u/jew fil-jiem, ġimgħat jew xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-gżejjer:

1. Iffalsifikaw, bidlu jew għamlu xi tibdil f'passaporti, jew użaw jew kellhom fil-pussess tagħhom xi passaporti li huma kienu jafu li ġew iffalsifikati, mbiddla jew li sar xi tibdil fihom (Kap. 61, *Sec*. 5 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Kif ukoll talli xjentement għamlu użu minn xi dokumenti oħra ffalsifikati (Kap. 9, *Sec*. 189 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. Kif ukoll mingħajr awtorita` leġittima, użaw jew kellhom fil-pussess tagħhom xi dokument meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-att, li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217, *Sec*. 32(1)(f) tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet lill-imputati jirreġistraw ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom, liema ammissjoni huma kkonfermawha, u dan wara li l-Qorti, *ai termini* tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżathom bil-konsegwenzi legali ta' din l-ammissjoni u kkonċediet żmien biżżejjed sabiex jerġgħu jaħsbuha u jerġgħu lura minnha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputati għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom, il-Qorti ma tistax ħlief issibhom ħatja tal-istess imputazzjonijiet.

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qiegħda tieħu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputati, il-fatt li kkoperaw mal-Pulizija waqt l-investigazzjoni tagħha, kif ukoll, mill-banda l-oħra, in-natura serja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 17 u 189 tal-Kodiċi Kriminali, u l-Artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputati **Yousef Hammat** u **Mohamed Lassad Briki** ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom u tikkundannahom għal piena ta' sitt (6) xhur priġunerija effettiva kull wieħed.

Tordna l-konfiska ta' Dok KR9 favur il-Gvern ta' Malta *ai termini* tal-Artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali.

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-ħlas tal-ispejjeż in konnessjoni mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali *stante* li ma ġewx maħtura esperti f'dawn il-proċeduri.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat